MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 201/2006

**Michael Attard Holdings Limited gia Michael Attard Ltd (C 6093)**

**vs**

**Dr Richard Sladden b'digriet tad-19 ta' Frar 2007, gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Francis Scicluna fl-atti, bin Frank u Helen nee' Chow tal-karta ta' l-identita' numru 883249(m)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Lulju 2005 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' Lm3,721.40 (tlett elef seba' mija u wiehed u ghoxrin lira u erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' vettura tat-tip Peugeot 307 bin-numru ta' registrazzjoni XXI – 049, mibjugha u konsenjata lilu mis-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mit-28 ta' Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat ir-risposta tal-kuratur deputat Dr Richard Sladden nominat sabiex jirrapprezenta lil Francis Scicluna jeccepixxi:

1. Illi l-eccippjenti mhuwiex edott mill-fatti tal-kaz u jirriserva li jipprovdi r-risposta tieghu fi stadju ulterjuri meta jkollu iktar informazzjoni u meta jaghmel kuntatt ma' Francis Scicluna;

2. Illi ghal dan l-iskop kiteb lill-avukat tas-socjeta' attrici sabiex jinghata kull informazzjoni li tista' twassal biex jikkomunika mal-istess Francis Scicluna;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi permezz ta' skrittura privata tad-9 ta' Mejju 2003 Francis Scicluna xtara minghand is-socjeta' attrici vettura tat-tip Peugeot 307. Il-bejgh kien fuq bazi ta' "*part exchange*." Il-bilanc tal-prezz kellu jithallas permezz ta' kambjali. Skond l-Artikolu 4 tal-ftehim fuq imsemmi x-xerrej intrabat li jekk ma jhallasx zewg pagamenti konsekuttivi, jitlef il-beneficcju li jhallas b'rati mensili u s-socjeta' attrici jkollha d-dritt titlob il-bilanc intier. Din hija fil-fatt il-kawza odjerna fejn kif spjega Stefan Sacco in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, meta l-konvenut Scicluna naqas milli jonera l-ftehim u kien hemm xi kambjali illi ma gewx onorati, allura f'dak il-kaz iddecidew li jitolbu l-ammont kollu bilancjali permezz tal-ftehim fuq imsemmi. Il-kawza fil-fatt hi *"ex contractu"* u mhux azzjoni kambjarja.

Il-Qorti tinnota illi minkejja l-kuratur deputat ipprova kemm-il darba jottjeni l-versjoni ta' Scicluna, dana baqa'

ma nstabx u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex il-konfort tal-verzjoni tal-konvenut u trid toqghod fuq il-provi migjuba mis-socjeta' attrici. Dawn il-provi huma bizzejjed biex jikkonvincu lill-Qorti fi grad li trid il-ligi, illi t-talba attrici timmerita li tkun konfermata.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa li jhallasha s-somma ta' Lm3,721.40 (tlett elef seba' mija u wiehed u ghoxrin lira u erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' bejgh ta' vettura tat-tip Peugeot 307 bin-numru ta' registrazzjoni XXI – 049, mibjugha u konsenjata lil Francis Scicluna mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika kontra Francis Scicluna.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------